MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 153/2010

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Jeffrey Borg

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. u konfermat bil-gurament minn Joseph Borg Cardona, li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata fit-13 ta' Marzu 2002 (Dok. A) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Jeffrey Borg;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Jeffrey Borg fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tnejn u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu (€23,072.14) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* ta' Jeffrey Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B6) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta' Jannar 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u esebita mar-rikors guramentat bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jeffrey Borg;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jeffrey Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Jeffrey Borg gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata fl-10 ta' Gunju 2009 li kopja taghha giet esebita mar-rikors guramentat u immarkata bhala Dok C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u esebita bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jeffrey Borg (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Jesmond [u korrett ghal Jeffrey b'digriet tat-3 ta' Mejju 2010] Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Jesmond [u korrett ghal Jeffrey b'digriet tat-3 ta' Mejju 2010] Borg ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tnejn u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu (€23,072.14) bilanc ghad-

debitu fil-*Loan Account* ta’ Jesmond [u korrett ghal Jeffrey b’digriet tat-3 ta’ Mejju 2010] Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B6) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-12 ta’ Jannar 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fl-10 ta’ Gunju 2009 kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimat Jeffrey Borg debitament notifikat skond il-ligi ma deherx ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalih.

Rat in-nota tal-Bank of Valletta p.l.c prezentata waqt is-seduta tal-lum li permezz taghha s-socjeta` attrici:
“Li biha tirriduci l-pretensjoni taghha ghas-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u sittin Ewro u erbgha w ghoxrin centezmu (€22,565.24) flimkien mal-imghax legali mit-30 ta’ Gunju 2010 sal-jum tal-effettiv pagament stante depoziti li saru fil-mori ta’ din il-kawza.”

Xehdet Dr. Cremona, impjegata mal-bank rikorrenti u qalet li fil-mori tal-kawza saru erba’ pagamenti u l-bilanc illum il-gurnata huwa €22,565.24 u hemm l-imghax dovut mit-30 ta’ Gunju 2010.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta’ l-intimat, it-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jeffrey Borg (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Jeffrey Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Jeffrey Borg ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma kif ridotta ta’ €22,565.24 bilanc ghad-debitu fil-*Loan Account* ta’ Jeffrey Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-30 ta’ Gunju 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------